Studju ta’ każ 1 – liġi tal-familja – divorzju - L-Irlanda Ta’ Fuq

# Punti Importanti li wieħed għandu jinnota dwar l-informazzjoni provduta

Wieħed għandu jinnota li mhuwiex possibbli li jingħataw spejjeż definittivi u l-kwistjonijiet inklużi hawn taħt huma indikattivi biss. Fejn possibbli, ġew inklużi drittijiet attwali għal xi aspetti tal-proċessi iżda dawn għandhom jitqiesu bħala gwida biss. Id-drittijiet spiss jiddependu fuq il-grad tal-qorti użata u l-passi involuti fil-każ individwali. Lista sħiħa tad-drittijiet tal-qorti mitluba tista’ tinsab fis-sit elettroniku tas-Servizz tal-Qorti tal-Irlanda ta' Fuq.

M’aħniex konxji dwar drittijiet żejda assoċjati ma’ divorzji transkonfinali u għalhekk ġie assunt li d-drittijiet fil-Każ B huma l-istess bħall-Każ A (ħlief għall-ispejjeż assoċjati man-notifika ta’ dokumenti u traduzzjonijiet meħtieġa li jiddependu fuq liema Stat Membru huwa involut). Fil-Każ B, l-attur għandu jkun residenti fl-Irlanda ta’ Fuq għal 6 xhur qabel ma jista’ jiġi ppreżentat rikors għal divorzju.

M/A tintwera fejn ir-risposta hija Mhux Applikabbli, u M/M tintwera fejn ir-risposta hija Mhux Magħruf.

# Spejjeż indikattivi fl-Irlanda ta’ Fuq

## Spejjeż indikattivi għall-Qorti, Appelli u Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

| Studju ta’ każ | Il-Qorti | | |
|---|---|---|---|
| | Drittijiet inizjali tal-Qorti | Drittijiet ta’ traskrizzjoni | Drittijiet oħra |
| Każ A | Rikors fil-Qorti l-Għolja (*High Court*)–£200<br>Rikors fil-Qorti tal-Kontea (*County Court*) -£200 | Drittijiet huma ta’ £0.78 kull folja<br>jew<br>Rekordjar b’CD tal-awdjo £25 fis-siegħa | *Setting Down* tal-Qorti l-Għolja – £300<br>*Setting Down* tal-Qorti tal-Kontea – £250<br>Dritt għal applikazzjoni personali għal intervista matrimonjali– £50<br>Applikazzjoni biex jitneħħa l-indirizz tal-attur mir-rikors: £57.50 (mitluba skont id-diskrezzjoni ġudizzjarja) |
| Każ B | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq |

| Studju ta’ każ | L-Appelli | | | ADR (*Alternative Dispute Resolution* – Ir-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim) | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Drittijiet inizjali tal-Qorti | Drittijiet ta’ traskrizzjoni | Drittijiet oħra | Din l-għażla hija miftuħa għal dan it-tip ta’ każ? | Drittijiet |
| Każ A | M/A | M/A | M/A | Normalment mhux ordnat mill-qorti | Il-medjazzjoni tista’ tkun disponibbli permezz ta’ organizzazzjonijiet oħrajn, per eżempju Relate tal-Irlanda ta’ Fuq li jitolbu £35 kull laqgħa, jew Medjazzjoni tal-Familja tal-Irlanda ta' Fuq li jitolbu £40 għall-appuntament inizjali u mbagħad £60 kull laqgħa |
| Każ B | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq |

## Spejjeż indikattivi tal-avukat, tal-marixxall u tal-espert

| Studju ta' każ | Avukat | | Marixxall | | | Espert | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja? | Spejjeż medji | Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja? | Spejjeż ta' qabel is-sentenza | Spejjeż ta' wara s-sentenza | L-użu huwa mandatorju? | Spiża |
| Każ A | Mhux fi kwalunkwe grad tal-qorti, iżda divorzji kkontestati (jiġifieri fil-Qorti l-Għolja) normalment huma aktar kumplessi | M/M | M/A | - | Infurzar ta' ordni matrimonjali – £150 | Mhux fi kwalunkwe grad tal-qorti | M/M |
| Każ B | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq |

## Spejjeż indikattivi għall-kumpens tax-xhieda, rahan jew garanzija u drittijiet oħrajn rilevanti

| Studju ta' każ | Il-kumpens tax-xhieda | | Rahan jew garanzija | | Drittijiet oħra | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ix-xhieda jiġu kkumpensati? | Spiża | Dan jeżisti u meta u kif jintuża jekk jeżisti? | Spiża | Deskrizzjoni | Spiża |
| Każ A | Fil-Qorti tal-Kontea biss, jitħallas il-Viaticum (mill-attur) meta ċ-ċitazzjoni tiġi nnotifikata għall-ewwel darba lix-xhud. Spejjeż oħrajn (eż., telf ta' dħul, spejjeż tal-ivvjaġġar, eċċ) jistgħu jiġu permessi skont id-diskrezzjoni ġudizzjarja jew jiġu miftiehma bejn il-partijiet. | Xhud tas-Servizz tal-Pulizija tal-Irlanda ta' Fuq– £12.15 għal kull dehra<br>Xhud pubbliku – £17.12 għal kull dehra<br>M/M | M/A | M/A | Ċertifikat ta' Digriet Assolut | £75 |
| Każ B | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq |

## Spejjeż indikattivi għall-għajnuna legali u rifużjonijiet oħra

| Studju ta' każ | Għajnuna Legali | | |
|---|---|---|---|
| | Meta u taħt liema kundizzjonijiet tgħodd? | L-appoġġ meta huwa sħiħ? | Kundizzjonijiet? |
| Każ A | Jingħataw fondi għal divorzju, bla ħsara għat-testijiet normali tal-mezzi u tal-merti | Fejn jingħataw fondi, il-kawżi tad-divorzju mhux kontestati normalment jiġu ttrattati permezz tal-għajnuna legali ċivili | Fi proċedimenti mhux kontestati, ir-rappreżentazzjoni hija disponibbli biss wara li jkunu ġew sodisfatti t-testijiet normali tal-mezzi u tal-merti |
| Każ B | L-għajnuna legali hija disponibbli biss għall-proċedimenti li jseħħu fl-Irlanda ta' Fuq. Tgħodd il-kwistjoni tal-kunsens (aktar 'il fuq). | Bħal Fuq | Bħal Fuq |

| Studju ta’ każ | Rifużjoni | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża? | Jekk ir-rifużjoni mhix totali x'perċentwali tkun inġenerali? | Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi? | Hemm xi drabi fejn l-għajnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajnuna legali? |
| Każ A | Dawn l-ispejjeż normalment ikunu inklużi fi kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet jew kif jordna l-imħallef. | M/M | L-ispejjeż kollha għandhom il-potenzjal li jkunu inklużi bħala parti minn ordni tal-qorti | Huma meħtieġa kontribuzzjonijiet lejn l-ispejjeż tal-għajnuna legali minn dawk l-applikanti li jiġu evalwati li għandhom dħul disponibbli ta’ aktar minn £3335 fis-sena jew kapital disponibbli ogħla mil-limitu ta’ £3000. Il-kontribuzzjoni meħtieġa mid-dħul hija proporzjon tad-dħul disponibbli ’il fuq mil-limitu aktar baxx, pagabbli fi 12-il pagament mensili Il-kontribuzzjoni meħtieġa mill-kapital hija l-kapital disponibbli kollu ’il fuq minn £3000. |
| Każ B | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq |

## Spejjeż indikattivi għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

| Studju ta’ każ | Traduzzjoni | | Interpretazzjoni | | Spejjez oħra speċifiċi għal tilwim transkonfinali? | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji? | Spiża approssimattiva? | Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji? | Spiża approssimattiva? | Deskrizzjoni | Spiża approssimattiva? |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Każ A | Jekk id-dokumenti li se jitressqu l-qorti mhumiex bl-Ingliż | Il-fornitur tas-servizzi tagħna ma għandux rata speċifika għal kull paġna, għaliex kull kariga tintbagħat lit-tradutturi fuq bażi tad-disponibbiltà eċċ., u r-rati huma differenti skont il-lingwa mitluba. Il-medja għal dokument ta’ 2 paġni lejn il-Pollakk, Russu, Litwan, Latvjan, Slovakk, Portugiż u Kantoniż kienet ta’ £120 + VAT. Għal dokument ta’ 10 paġni lejn il-Pollakk, l-ispiża kienet ta’ £355 + VAT u għall-verifika indipendenti tad-dokumenti, ġie kkwotat prezz ulterjuri ta’ £105 + VAT | Jekk il-partijiet jew ix-xhieda ma jitkellmux jew ma jifhmux bl-Ingliż | £125 għal mhux aktar minn 3 sigħat | Spejjeż assoċjati man-notifika tad-dokumenti | Skont fejn trid issir in-notifika, metodi aċċettabbli ta’ notifiki fl-Istat Membru l-ieħor, u kemm-il attentat ta’ notifika huwa meħtieġ |
| Każ B | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq | Bħal Fuq |

L-aħħar aġġornament: 16/03/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.